**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 28 ta' Novembru 2019**

**Rikors nru: 228/2017 AGV**

**AB ( ID nru: 43584M) f' isimha propju u bhala kuratric ad litem ta' binha minuri CB rispettivament.**
**Vs**
**Direttur Registru Pubbliku u DB u EF.**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' **AB** tat-12 ta' Ottubru 2017, fejn esponiet bir-rispett;

1. Illi l-esponenti u l-intimat DB, izzewwgu f' Malta fil- 25 ta' Dicembru 1986. Illi r-rikorrenti u l-intimat sseparaw b' sentenza tal-Qorti Civili (sezzjoni tal-Familja) tal- 24 ta Frar 2005, u qatt ma regghu ghexu flimkien.
2. Illi l-esponenti kellha relazzjoni extra matrimonjali ma' EF u minn dir-relzzzjoni kellha tifel jismu C, li twieled fis- 7 ta' Jannar 2012.

3. Illi mat-twelid tieghu l-intimat DB gie erronjament registrat bhala missier il-minuri.
4. Illi fil-verita' dawn it-tifel gie koncepit wara li l-espnenti, kienet ilha snin separata minn ma' zewhha b' sentenza tal-Qorti Civili ( sezzjoni Familja), u fil-kors tar-relazzjoni li l-esponenti kellha mal-intimat EF.
5. Illi fil-fatt l-missier naturali tal-minuri huwa EF u mhux kif erronjament gie imnizzel fl-att tat-twelid.

Din il-kawza hija necessarja stante li hemm l-htiega li tigi stabbilita l-paternita' korretta tal-minuri.

Ghaldaqstant l-esponenti, in vista ta' dak kollu fuq premess, titlob lil dina l-Onorabbli Qorti;

1. Fl-ewwel lok tiddikjara li l-intimat DB ma huwiex il-missier naturali ta' CB, u jekk hemm bzonn okkorendo bit-testijiet genetici appositi;
2. Fit-tieni lok tiddikjara li l-intimat EF huwa l-missier naturali tal-minuri CB ukoll occorendo b' testijiet genetici appoziti;
3. Tawtorizza l-korrezzjoni tal-att tar-twelid tal-minuri CB li jgib n-numru progressiv ta' iskrizzjoni 205/2012, u tordna lil-intimat Direttur Registru Pubbliku, sabiex jaghmel il-korrezzjonijiet mehtiega li jirriflettu li l-missier fl-att tat-twelid tieghu jkun ndikat, EF minflok DB;
4. Tawtorizza u tordna kull modifika ohra in vista tal-ewwel u t-tieni talba, u jekk ikun opportun, f' kull att iehor relattiv u sussegwenti.

Il-Qorti rat ir-risposta tad-Direttur Registru Pubbliku fejn espona bir-rispett u ddikjara ;

1. Illi in linea preliminari, l-attrici naqset milli tindika ai termini ta' liema artikolu qed issejjes il-proceduri odjerni taghha . Ghaldaqstant, jkun ta'

beneficcju jekk l-attrici taghmel  dan filwaqt li l-esponenti tirriserva bil-permess gentili tal-Qorti, is-dirtt tieghu li jissolleva eccezzjonijiet ulterjuri u dan jekk dejjem ikun il-kaz;

2. Illi bla hsara ghal premess u in linea preliminari ukoll, ghall-inqas mill-atti gew notifkati lill-esponenti jidher li hemm nieqsa l-awtorizazzjoni mehtiega ai termini tal-artikolu 77 C tal-Kodici Civili, u dan ghaliex hemm stabbilit mil-Ligi sitt xhur mit-twelid tal-minuri, f' liema perjodu l-persuna ikkoncernata  tkun tista' tipprocedi b' kawza ta' denegata paternita' ai termini tal-Artikolu 77 A jew Artikolu 77 B tal-Kodici Civili, ghadda. Ghaldaqstant f' dal-istadju, ghandu jigi ddikjarat jekk l-attrici gietx awtorizzata minn dina l-Onorabbli Qorti, sabiex tipprocedi b' din il-kawza istanti- u fin-nuqqas ta' dan , f' gieh l-ekonomija tal-gudizzju, l-attrici ghandha tirregola ruhha immedjatament;
3. Illi bla pregidizzju ghas-suespost u fil-mertu, l-esponenti tiddikjara li m' hijiex edotta mill-fatti jekk kif gew dikjarati fir-rikors guramentat;
4. Illi fil-mertu l-esponenti teccepixxi illi sabiex tirnexxi din l-azzjoni r-rikorrenti trid primarjament tipprova li fiz-zmien bejn it-tlett mitt gurnata u l-mija u tmenin gurnata qabel it-twelid tal-minuri, ir-rikorrenti kellha relazzjoni extra maritali  ma' EF u barra minn hekk, tipprova xi fatti iehor li jista' ukoll ikunu testijiet u provi genetici li jeskludu lil DB, bhala l-missier naturali tal-imsemmi minuri, u dan ai termini tal-artiklu 77  B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;
5. Illi fl-istess waqt huwa estremament importanti gialadarba l-minuri ghandu sitt snin, li tigi meghluba l-prezunzjoni legali mahluqa bis-sahha tal-Artikolu 81 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, billi adegwatament u konvincentament jigi muri illi l-pusess ta' stat tal-minuri, ma jaqbilx mal-att tat-twelid taghha;
6. Illi bla hsara ghas-suespost,  f' kaz li jintlaqghu t-talbiet tar-rikorrenti, l-esponenti tistieden lill-partijiet ikkoncenati sabiex jigi pprezentat minnhom

d-dettalji personali ta' EF, permezz ta' nota jispecifika senjatament, 1. In-numru tal-karta tal-identita' tieghu, 2. ismu u kunjomu, 3. L-eta' tieghu meta twieled il-minuri, 4. Il-post tat-twelid tieghu. 5. Il-post tar-residenza tieghu meta twieled l-istess minuri, 6. Isem u kunjom missieru, 7. Jekk l-imsemmi missier patern kienx haj jew mejjet meta twieled l-istess minuri. Tali informazzjoni hija mehtiega biex tigi eventwalment inserita fl-att tat-twelid tal-minuri.

7. Illi bla pregudizzju ghal premess, f' kaz li jintlaqaw it-talbiet tar-rikorrenti, l-esponenti tirrileva illi l-partijiet kontendenti ghandhom jiddiecedu b' mod definittiv, liema kunjom ghandu jassumi l-minuri a tenur tal-artikolu 92 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.
8. Illi ghaldaqstant, fir-rigward tat-talbiet kif dedotti, l-esponenti tirrimetti ruhha ghall-ghaqli u s-savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti, u dan skont kif jidhirlha xieraq u opportun . Maghdud ma' dan , l-esponenti tissometti izda fi kwaunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrenti mhix attriwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir tal-esponenti, u kwindi hija ma ghandhix tigi assoggettata ghall-ispejjez tal-kawza istanti;
9. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti minn issa tinsab ingunta ghal subizzjoni.

Rat li l-konvenuti DB u EF, debitament notifikati, ma ppresentaw ebda risposta, u ghalhekk baqghu kontumaci.

Rat il-verbal tas-seduta tat-23 ta' Jannar, 2018.

Rat ir-rikors tad-Direttur Registru Pubbliku datat 2 ta' Frar, 2018.

Rat illi l-istess rikors gie irtirat fis-seduta tal-5 ta' Gunju, 2018.

Rat ir-rikors tal-attrici datat 14 ta' Novembru, 2018, fejn tablet l-awtorizzazzjoni tal-Qorti ai termini tal-Artikolu 77C tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, liema rikors gie milqugh fis-16 ta' Novembru, 2018.

Rat in-nomina ta' Dr Marisa Cassar bhala espert tal-Qorti fis-seduta tas-16 ta' Jannar, 2019, biex taghmel l-ezamijiet necessarji tad-DNA fuq il-konvenut EF u l-minuri.

Rat il-verbali sussegwenti.

**IKKUNSIDRAT;**

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu s-segwenti. L-attrici kienet mizzewga lill-konvenut DB, u kienet isseparat minn mieghu permezz ta' sentenza tal-24 ta' Frar, 2005. Sussegwentement, hi kellha relazzjoni mal-konvenut l-iehor EF, u minn din ir-relazzjoni twieled il-minuri Javier, li gie irregistrat bhala l-wild ta' DB fiz-zwieg. Ghalhekk l-attrici intavolat dawn il-proceduri, sabiex il-konvenut Galea jigi rikonoxxut bhala l-missier naturali tal-minuri.

Sfortunatament, din il-kawza hija nieqsa ghal kollox minn provi. L-attrici tghid fir-rikors taghha li l-isem ta' missier il-minuri gie "erronjament" indikat bhala dak tal-konvenut DB zewggha li kienet ilha separasta minn mieghu sa minn qabel ma nghatat sentenza fi Frar 2005, meta l-minuri Ctwieled f'Jannar, 2012. Il-Qorti ma tistax tifhem kif l-attrici hadet zball daqshekk ovvju meta rregistrat lil binha fir-Registru Pubbliku, u ma tat ebda spjegazzjoni ta' dan, la permezz ta' xiehda *viva voce* u wisq anqas permezz ta' affidavit. Ma gie prodott ebda xhud biex jikkonferma dak li ntqal fir-rikors promotur. Ghalkemm kien hemm in-nomina

ta’ Dr Cassar biex isir l-ezami tad-DNA tal-persuni msemmija, dan baqa’ qatt ma sar, u l-Qorti stenniet diversi xhur biex tinghata din l-informazzjoni. Ghalhekk, dak sottomess mill-attrici u mill-konvenut F, ghalkemm jidher verosimili, ma giex ippruvat skond il-ligi. Ghaldaqstant, fuq nuqqas ta’ provi konkreti, il-Qorti ma tistax tilqa’ t-talbiet attrici.

**DECIDE;**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta’ u tiddeciedi l-kawza billi;

Stante nuqqas ta’ provi, tichad it-talbiet attrici.

L-ispejjez jibqghu a kariku tal-istess attrici.

**Antonio G Vella**
**Imhallef**

**Concetta Gauci**
**Deputat Registratur**